MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 161/2005

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta’ Mejju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici A izzewget lill-konvenut B fit-tnax ta’ Ottubru tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u marka Dok AC1;

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizjat minhabba li hija zzewget sabiex titlaq mid-dar tal-gerituri taghha fejn kellha hafna sikkatura;

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizjat minhabba li hija zzewget lill-konvenut sabiex tghaddi taghha u timpika mal-genituri taghha li ghall-ebda raguna ma riduha tizzewweg lill-konvenut u mhux ghax kienet thobbu;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja ili ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bl-esekuzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ta dritt tal-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-12 ta' Ottubru 1996 fuq imsemmija huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hi minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fl-1 ta' Luju, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi fir-rigward ta' l-ewwel zewg premessi tal-attrici, il-konvenut jaqbel illi huwa gie mizzewweg mill-attrici, li minnha huwa legalment mifrud a bazi ta' kuntratt ta' separazzjoni in Atti Nutar Dr. Reuben Casingena tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena 2003 (ara dokument Alpha 1).

2. Illi jekk huwa minnu dak li qed tghid l-attrici fit-tieni premessa taghha, haga li l-konvenut kien gibed l-attenzzjoni ghaliha meta l-attrici kienet intavolat il-kawza ta' separazzjoni numru xxx/2002 - RCP (FC), fl-ismijiet: A pro et noe versus B, u li kienet giet appuntata dak iz-zmien ghal nhar il-Hamis, hamsa (5) ta' Dicembru, 2002 f'Awla 16, fid-disgha ta' fil-ghodu (9.00 a.m.), fejn dak iz-zmien l-attrici kienet ghadha tirrizjedi mal-genituri taghha, meta l-konvenut odjern irrefera ghal din il-possibilita' tat-tieni premessa tal-attrici, 1-attrici kienet irrifjutat din it-tezi, u allura minn issa l-konvenut qed izommha responsabbli ghad-danni kollha li kkagunatlu, qed tikkagunalu u jidher li ser tibqa' tikkagunalu, meta ntortament dahlitu fl-ispejjez tal-kawza citazzjoni numru xxx/2002 u fil-Kontro-Talba li dak iz-zmien kien ghamel, sussegwentement fil-proceduri tal-kuntratt ta' separazzjoni legali, apparti minn eluf ta' liri Maltin fi spejjez li kien kostrett li jaghmel fosthom sittax il-elf lira Maltin (Lm16,000) li tirrizulta ampjament anke mid-dokument Alpha I hawn mehmuz u fejn biex il-kawza ta' flrda legali ma tibqax sejra interminabilment, il-konvenut kien accetta li Jivversa lil mara tieghu dak iz-zmien A llum A, ta' eluf ta' liri Maltin ammontanti ghal sittax il-elf u hames mitt lira Maltln (Lm16,500) apparti minn beneficcji ohra, li A tenniet kienu dovuti lejha bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti meta fic-citazzjoni odjerna hija stess qed tammetti hija qarqet bil-konvenut a bazi tan-ragunijiet kif insibuhom fit-tieni u fit-tielet premessa.

3. Illi, ghaldaqstant, fir-rigward ta' l-uniku talba attrici fic-citazzjoni odjerna, il-konvenut sejjer ihalli fis-saggezza ta' dina l-Onorabbli Qorti, minghajr progudizzju ghal kwalsiasi azzjoni li ghad jista' jiehu biex jigi kumpensat ghad-danni attwali, reali, psikologici, dinetti

u / jew indlretti li l-attrici kkagunatlu meta issa fit-tmintax (18) ta’ Mejju ‘tas-sona kurronti hija qed tammotti dak li dejjem sostna l-istess konvenut fic-citazzjoni numru xxx/2002 li mbaghad fid-dawl tal-kuntratt ta’ soparazzjoni bonarja kienet giet ceduta fir-Registru tal-Qorti.

4. Illi fir-nigward tat-tielot u r-raba’ premessa tal-attrici, l-attrici taghmel sforzi kbar blex tlkkonvinci lil din il-Qortl li dan iz-zwieg qatt ma kien zwieg, billi minhabba diversi ragunijiet legalment fondati skond il-higijiet ta’ Malta, hija qarqet bil-konvenut, ma kinetx taf ghal xhiex diehla, sabitha skomoda f’din il-hajja, hadet guramenti fohoz ghax minhabba fiha l-onvenut illi huwa ragel kwiet, biezel, ragel tal-famllja, li ried li jkollu familja, certament ma stenniex li ghal kapricci tal-attrici kien ser ikollu jonfoq eluf ta’ liri fil-Qrati ta’ Malta apparti minn proceduri kniminali kontra tieghu li jfisser telf ta’ xoghol u l-akbar dieqa it-tbatija li kelluu psikologikament ibati t-tifel tal-konvenut li llum ghandu seba’ snin u nofs, li dan wara li helisha hafif mil-mewt umana minhabba incident perikolozissimu li l-attrici dahlet lilha infisha fih, fit-triq it-twlla kien il-konvenut li bata u li allura fllwaqt li sejjer ihalli f’idejn dina l-Onorabbli Qorti ghad-decizjoni finali taghha, u ghal din ir-raguni huwa mhux qed jaghmel l-ebda kontro-talba, biss certament jixtieq li ma jitabbiex ukoll bi ispejjez ta’ din il-kawza, u jirrizerva procoduri ulterjuri skond il-ligi kontra l-istess attrici halli din tikkompensah jekk qatt b’xi mod jistghu jigu kompensati, ghad-danni diretti u indiretti, li sofra, qed isofri u ghad jista’ jsofri l-istess konvenut.

5. Illi fir-nigward tas-sitt premessa attrici, l-eccipjent ihalli ghas-savju gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti, billi evidentament minn dawn il-premessi l-Qorti ma tistax tikkonkludi dwar l-ezltu tal-uniku talba attnici u da parti tieghu l-konvenut m’ghandu l-obda nteress li jopponi jekk huwa l-kaz, l-ewwelnett billi issa ilu ma jikkoabita ma l-atttici ghal dawn l-ahhar hames snin, dan iz-zmien qatt ma kien hemm rapport intimu sesswali bejniethom, ghad

illi l-attnici kellha diversi relazzjonijiet ma rgiel ohra, u fid-dawl ta’ dak li gara, l-uniku nteress li ghad baqalu l-konvenut huwa l-imhabba u d-dedikazzjoni li huwa ghandu lejn l-uniku wild it-tifel tieghu u li llum ghandu seba’ snin.

6. Illi l-konvenut illum kull ma jimpurtah huwa biss l-interess suprem ta’ dan it-tifel minuri tieghu li naturalment nono stante l-konvenut tad-dokument Alpha 1 alla hares ma kienx il-konvenut li ha hsieb ibnu specjalment tul il-perjodu twil konsistenti f’xhur illi l-attrici ghamlet f’coma gewwa l-isptar San Luqa u li fdak iz-zmien, irrispettivament mill-konvenut tal-kuntratt ta’ separazzjoni, kien il-konvenut li dar b’ibnu u ha hsiebu, ha hsieb il-bzonnijiot kollha t’ibnu inkluz l-iskola, ikel, hwejjeg, u dak kollu li huwa mehtieg minn tifel li kif gja’ inghad dak iz-zmien ta’ l-incident kien ghad kellu biss l-eta’ tenera ta’ hames snin, u li issa wara dan kollu, jirnizulta li l-attnici kienet f’din il-fazi kollha u qabel u wara qed tqarraq bl-istess konvenut.

7. Illi certament allura l-konvenut m’ghandux ibati ebda spejjez, kif b’tustagni qed titlob l-istess attrici wara li tammetti li kienet hi li qarqet bil-konvenut u dahlitu f’dawn l-ispejjez kollha u fi trawma fizika u psikologika kemm lilu u kemm lil ibnu billi issa qed tghid li hija qatt ma kellha l-ebda xewqa li tizzewweg lil konvonut jew li b’xi mod thobbu, u f’dan il-parametru issir referenza

ghad-dikjarazzjoni tal-attrici A fejn anke zefnet fin-nofs lil certu Father omissis li jekk huwa sejjer jiddeponi f’din il-kawza, irid jistqarr l-izball kbir tieghu billi kien obbligat gja’ la darba kien jaf li l-hajja ta’ bniedem kienet ser tigi rovinata, kit giet irovinata din tal-konvenut, illi jara x’jaghmel biex jippreveni milli z-zwieg isir u mhux issa ghaliex jaqblilna u minhabba li i-attrici issa ghandha ghanijiet ohra, qed izzeffen lil dan il-Father biex jiglorifika l-ingann li din kienet ghamlet fil-konfront tal-konvenut.

8. Illi fir-rigward tal-hames (5) paragrafu fid-dikjarazzjoni tal-attrici A, il-konvenut jichad dan kollu, kif issa sejjer jispjega ahjar u jelabora f’aktar dettal fid-dikjarazzjoni guramentata li huwa sejjer jaghmel ma din in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet, u mhux sewwa li ghall-ingann taghha din A issa defset fin-nofs ukoll lil missier u lil omm il-konvenut, li huma familja tajba u familja serja u ta’ certu rispett, u kienu prudenti bizzejjed illi fil-gwaj kollu li ghadda minnu l-konvenut u li fil-fatt ghadu anke ghaddej bi proceduri quddiem Il-Qrati kemm Civili kit ukoll Kniminali, huma kienu solidali mieghu u m’ibnu minuri u Alla hares ma kienux huma wkoll li minghajr pero’ ma ndahlu fil-hajja privata tal-konvenut u tal-mara tieghu l-attrici odjerna, kit ippruvaw jaghmlu wkoll il-genituri tal-attrici.

9. Illi, ghaldaqstant, il-konvenut ihalli fis-saggezza ta’ dina l-Onorabbli Qorti, u jitlob li kwalsiasi spejjez, gudizzjarji u extra gudizzjarji jigu kollha a karigu tal-istess attrici A wara kollox hija stess fid-dikjarazzjoni taghha qed tammetti li hija kienet qarqet bil-konvenut meta dahlet f’dan iz-zwieg u kwindi zgur ii m’ghandux il-konvenut ibati l-ebda spejjez, u anzi dan jinghad dejjem bir-rizerva li ghad danni kollha fizici, psikologici li l-konvenut bata’, inkluz eluf ta’ liri fi flus kontanti, huwa jirrizerva li fil-mument opportun u skond il-Ligijiet ta’ Malta huwa jiehu proceduri ulterjuri kontra l-istess attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u ta’ omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Ottubru, 1996 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ma kienx wisq car jekk hux jopponi ghat-talba u donnu iktar kien preokkupat fuq l-ispejjes tal-kawza. Fil-fatt il-konvenut ma ressaqx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (ATonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordinament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-

drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li l-partijiet izzewgu wara li kienu jafu lil xulxin ftit zmien u hija kienet ghagglet biex tizzewweg ghaliex kienet imdejjqa d-dar ghaliex kellha hafna sikkatura mill-familja taghha. Kien hemm divarju kbir fil-livell ta' edukazzjoni taghhom u dan seta' kien il-kawza ghall-falliment taz-zwieg. Mix-xhieda ta' shabha fuq il-post tax-xoghol jidher li l-attrici kienet konxja li ser tiehu pass zbaljat izda bezghet thassar iz-zwieg fl-ahhar mumenti. Jidher ukoll li l-attrici kienet tiehu xi kalmanti u ma kinitx fi stat li tiddeciedi
serenament. Ghalhekk il-Qorti thoss li jesistu r-rekwisiti taht il-Kapitolu 255 biex iz-zwieg jithassar. Ghalkemm l-attrici kellha ukoll diversi lanjanzi fil-konfront tal-konvenut dawn kollha jirrizultaw wara z-zwieg. Madankollu l-Qorti ukoll ser tehodhom in konsiderazzjoni meta tiddeciedi dwar il-kap ta' l-ispejjez.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-12 ta' Ottubru, 1996. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------